**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-09 ta' April, 2019**

**Talba Numru: 308/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 01.**

**Victor Bonavia (K.I. 769951M)**

**7, Victory,**

**Triq Ganni Vella,**

**Mosta**

**Vs**

**Joseph Mary Portelli (K.I.536861M)**

**1, Bellvedere Court, P/H 13,**

**Triq it-Trill,**

**San Pawl il-Bahar .**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fl-10 ta' Lulju, 2018 li permezz taghha talab li l-konvenut jigi ordnat ihallsu s-somma ta' seba' mitt ewro (€700) rapprezentanti self brevi manu sabiex l-istess konvenut ihallas *capital gains tax* dovuta minnu fuq kuntratt ta' kompravendita.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tall-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt ewro (€700) bl-imghax legali mid-data tal-avviz tat-talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**